# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju, 2017**

**Numru 14**

**Appell Ċivili Numru 598/2009/1 JA**

**Jimmy Vella Limited (C12556)**

***versus***

**Net Shop Limited (C38305)**
**Russian Foods Limited (C42235)**
**Katrina Zax flimkien u in solidum bejniethom**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 t'April 2013, li biha l-ewwel qorti kkundannat lis-soċjetà konvenuta *Net Shop Limited* tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mitejn euro (€1,200) għall-konsum ta' dawl u ilma meta kienet tikri fond kummerċjali mingħand is-soċjetà attriċi. L-ewwel qorti, iżda, ma laqgħetx it-talbiet l-oħra tas-soċjeta' attriċi

sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha arretrati ta' kera u sabiex jagħmlu tajjeb għal ħsara fil-fond mikri.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: bis-saħħa ta' kitba privata iffirmata f'April tal-2006 is-soċjetà attriċi kriet fond kummerċjali lis-soċjetà konvenuta *Net Shop Limited* bil-kundizzjonijiet u pattijiet imsemmija fl-istess kitba privata. Jidher li għall-ewwel sena tal-kiri *Net Shop Limited* kienet tħallas il-kera regolarment u puntwalment iżda wara l-ewwel sena bdiet taqa' lura fil-ħlas tal-kera, l-aktar għax in-negozju ma jidhirx li kien sejjer tajjeb u wkoll għax Katrina Zax u Dennis Neimand, li kienu jmexxu lil *Net Shop Limited*, iddeċidew li jiftħu negozju ieħor bl-isem "*Russian Foods*" u għalhekk kellhom bżonn il-flus biex jarmaw dan in-negozju.

3. Fis-sena 2008 *Net Shop Limited* talbet lill-attriċi biex titnaqqas il-kera minn disgħa u għoxrin lira ta' Malta (Lm29) għal erbgħa u għoxrin lira (Lm24) kuljum iżda l-attriċi ma qablitx, ukoll għax il-ftehim fil-kitba privata t'April 2006 kien illi l-kera kellu jogħla b'ħamsa fil-mija (5%) wara l-ewwel sentejn u nofs tal-kirja li kienu waslu biex igħaddu meta *Net Shop Limited* għamlet it-talba għal tnaqqis.

4. Fis-sajf tas-sena 2008 il-kera li baqa' mhux imħallas kien tela' sew. Kienu saru diversi tentativi sabiex jintlaħaq ftehim kemm dwar l-arretrati ta' kera kif ukoll dwar il-kontijiet pendenti tad-dawl u tal-ilma matul iż-żmien tal-kiri, kif ukoll dwar ħsarat illi l-attriċi tgħid illi *Net Shop Limited* għamlet fil-fond mikri, iżda ma jidher li ntlaħaq ebda ftehim. Li ġara hu li fil-11 ta' Novembru 2008 iċ-ċwievet tal-fond

intraddu lill-attriċi flimkien mal-oġġetti msemmijin fid-dokument “NS1” *foll.* 17 u 18 tal-proċess.

5. Is-soċjeta’ attriċi mbagħad fetħet din il-kawża tallum sabiex titlob lill-qorti tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom:

> »1. ... iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta’ €7,873.37 bħala arretrati ta’ kera tal-fond kummerċjali … … … u dana bl-imgħaxijiet legali ta’ meta din il-kera kienet dovuta sad-data tal-pagament effettiv;
>
> »2. ... iħallsu s-somma ta’ €1,514 flimkien mal-imgħax legali mid-data ta’ meta ġiet imħallsa din is-somma sad-data tal-pagament effettiv mill-intimati rappresentanti din is-somma l-ammont li s-soċjetà attriċi kienet kostretta tħallas lil Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex tiġi evitata s-sospensjoni tas-servizzi ta’ dawl u ilma fl-imsemmi fond;
>
> »3. ... tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati *in solidum* bejniethom huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà rikorrenti fuq il-fond proprjetà tagħha … … … konsistenti dawn id-danni fir-riparazzjoni tal-istess fond meta dan ġie rilaxxat lura f’idejn is-soċjetà rikorrenti fi stat ta’ abbandun u liema danni jinkludu fost oħrajn ir-riparazzjonijiet neċessarji fil-bini u fl-atrezzi tal-istess fond mikri … … …
>
> »4. tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjetà rikorrenti in vista tal-kontenut tal-paragrafu preċedenti … … …;
>
> »5. konsegwentement tikkundanna l-intimati flimkien *in solidum* bejn-iethom *in linea* ta’ danni dik is-somma li tiġi hekk illikwidata.«

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex preliminarjament u in kwantu għall-intimati *Russian Foods Limited* u Katrina Zax, dawn ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti u katego-rikament jiċħdu li qatt daħlu f’xi forma ta’ ftehim sabiex jagħmlu tajjeb għall-kera allegatament dovuta u/jew ħsarat allegatament ikkaġunati fil-fond tas-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata *Net Shop Limited*;
>
> »2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal dak ġà eċċepit, in kwantu l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti s-soċjetà intimata *Net Shop Limited* tirrespinġi billi tiddikjara illi l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti ta’ sebat elef tmien mija u tlieta u sebgħin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€7,873.37), allegatament rappreżentanti kera dovuta mill-istess soċjetà intimata, kien ġie patwit [paċjut?] ma’ *airconditioning unit* installat fil-fond imsemmi mis-soċjetà intimata *Net Shop Limited* flimkien ma’ diversi oġġetti mniżżla f’inventarju ffirmat minn Jimmy Vella bħala rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, kopja ta’ liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok NS1, u dan kif jista’ jixhed dokument iffirmat minn Karl Griscti, xhud ta’ din it-tpaċija, liema dokument qed jiġi anness u mmarkat Dok NS2. *Inoltre*, l-oġġetti hawn

imsemmija sallum jinsabu fil-fond tas-soċjetà rikorrenti li jinsab mikri lil terzi, li qed jagħmlu użu mill-istess oġġetti;

»3. Illi in kwantu t-tieni talba, f'Novembru tas-sena 2008 kien ittieħed *meter reading,* fil-preżenza ta' Mario Vella, ħu l-istess Jimmy Vella, li jindika illi l-ammont dovut għall-konsum tad-dawl u ilma fil-fond sa dakinhar kien jammonta għal madwar elf u mitejn euro (€1,200), u meta jitnaqqas l-ammont ta' erba' mija u sitta u sittin euro (€466) mħallsa bħala depożitu mis-soċjetà intimata *Net Shop Limited* lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, il-bilanċ dovut jammonta għal seba' mija u erbgħa u tletin euro (€734) u dan kif jista' jiġi kkonfermat minn rappreżentanti tal-istess korporazzjoni;

»4. Illi in kwantu t-tielet talba, filwaqt illi s-soċjetà intimata *Net Shop Limited* qiegħda tikkontesta r-rapport tal-Perit Joe Attard, jiġi rilevat illi matul il-perjodu tal-kirja s-soċjetà intimata wettqet diversi xogħolijiet ta' manutenzjoni u milljorament fil-fond mikri lilha, liema fond, mat-terminu tal-kirja, kien jinsab fi stat ħafna aħjar milli kien meta l-istess soċjetà intimata kriet l-imsemmi fond.«

7. L-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi: i. ħelset lill-konvenuta Katrina Zax u lis-soċjetà *Russian Foods Limited* mill-ħarsien tal-ġudizzju; ii. laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi biex tikkundanna lil *Net Shop Limited* tħallasha elf u mitejn euro (€1,200) għall-konsum ta' dawl u ilma; u iii. ċaħdet it-talbiet l-oħra kollha kontra *Net Shop Limited*. L-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din id-deċiżjoni:

» Ikkunsidrat;

» Illi kif jidher mill-att promotur is-soċjetà attriċi qed titlob ħlas ta' arretrati ta' kera, flus dovuti għal kontijiet pendenti tal-konsum tal-elettriku u ilma u d-danni in segwitu għal terminazzjoni ta' lokazzjoni bejnha u s-soċjetà *Net Shop Limited*. Is-soċjetà konvenuta qed twieġeb għat-talbiet billi tgħid li hija kellha ftehim fis-sens illi l-partijiet ipaċu l-kera mal-oġġetti li tħallew fil-ħanut; li l-ammont għall-konsum ma kienx dak indikat iżda anqas, u qed jiċħdu għal kollox it-talba għad-danni. Naturalment il-konvenuti l-oħra qed jiċħdu li kellhom xi rapport ġuridiku mal-attriċi.

»... … …

»Illi l-qorti qabel xejn taqbel mal-konvenuti illi l-ftehim u rapport ġuridiku kien bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà *Net Shop Limited* u għalhekk il-konvenuti l-oħra assolutament ma kellhomx jiġu ċitati; għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Illi kwantu għall-ewwel talba, u cjoè dik għall-ħlas tal-kera, il-qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti: Jimmy Vella jgħid li meta ħa lura ċ-ċavetta tal-fond huwa għamel dan mingħajr kundizzjoni filwaqt li l-konvenuta u Dennis Neimand qalu li huma kienu ftiehmu li l-oġġetti li ħallew fil-ħanut kellhom jagħmlu tajjeb għall-arretrati. Il-qorti

jidhrilha li l-verżjoni tal-konvenuta hija aktar attendibbli anke għaliex jidher mir-ritratti illi esebew illi fil-fatt il-fond kien mobiljat sew u allura l-oġġetti li ħallew u li huma indikati fl-inventarju li huwa ukoll konfermat bil-firma ta' Jimmy Vella jkopru *ictu oculi* l-ammonti dovuti f'kirjiet. Għalhekk it-talba qed tiġi respinta.

»Illi kwantu għall-konsum tad-dawl u ilma però ladarba anke l-konvenuti qed jammettu li sar il-qari u kien hemm pendenza ta' *circa* elf u mitejn euro (€1,200), il-qorti se tammetti din it-talba għal dan l-ammont; ma ngħabu ebda provi ulterjuri la mis-soċjetà attriċi fir-rigward tas-somma eżatta dovuta u lanqas minn dik konvenuta fir-rigward ta' xi depożitu li għamlet kif semmiet fir-risposta ġuramentata.

»Illi fir-rigward tal-allegati danni ma nġabet ebda prova konvinċenti. Is-soċjetà attriċi donnha qatt ma semgħet bid-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* u kif ukoll jgħid fi kliem ieħor l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-perit inkarigat mis-soċjetà attriċi lanqas biss ġie prodott biex jikkonferma r-rapport tiegħu.«

8. Is-soċjetà attriċi appellat b'rikors tas-17 ta' Mejju 2013 li għalih il-konvenuti wieġbu fis-6 ta' Ġunju 2013.

9. Qabel ma' titratta l-mertu tal-aggravji tas-soċjeta' appellanti, din il-qorti tinnota li ma sar l-ebda appell mill-konvenuti u għalhekk dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti kkundannat lis-soċjetà appellata *Net Shop Limited* tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mitejn euro (€1,200) għall-konsum tad-dawl u l-ilma hija *res judicata*.

10. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tas-soċjetà attriċi. L-ewwel aggravju jolqot id-deċiżjoni li kien hemm rapport ġuridiku biss bejn l-attriċi u *Net Shop Limited* u li ma kien hemm l-ebda rapport ġuridiku bejn l-attriċi u s-soċjetà konvenuta l-oħra *Russian Foods Limited* u mal-konvenuta l-oħra Katrina Zax. L-attriċi fissret dan l-ewwel aggravju tagħha hekk:

»Illi l-ewwel onorabbli qorti bir-rispett kollu ma kellhiex, a bażi tal-fatti li ħarġu mix-xiehda u d-dokumenti prodotti, issib li kien hemm rapport ġuridiku biss bejn is-soċjetà appellanti u s-soċjetà appellata *Net Shop Limited* biss u li mas-soċjetà l-oħra *Russian Foods Limited* u fin-nuqqas ta' din, mal-konvenuta appellata Katrina Zax. Dan qed jingħad

billi n-negozjati li kienu saru bejn id-diriġenti tas-soċjetajiet kontendenti kienu saru dejjem bejn John Mary Vella, l-*managing director* tas-soċjetà appellanti bħala sid il-fond kummerċjali (ħanut) mikri lil *Net Shop Limited* u Katrina Zax u l-*partner* tagħha Denis Neimand, ċittadin Russu, li kienu dejjem stqarrew illi huma kienu ser jiftħu ħanut ieħor ta' ġeneru differenti u *cioè* ħanut fejn fih kellhom ibigħu ikel Russu u għalhekk *Russian Foods Limited* billi l-ħanut mikri lilhom bħala *Net Shop* Limited mis-soċjetà attriċi mar ħażin u għalhekk kienu dejjem lura fil-ħlas ta' l-kera; kienu ftiehmu mas-soċjetà attriċi illi l-kera arrettrata kellha tiġi mħallsa mill-qligħ li kienu qed jittendew li jagħmlu mill-ħanut il-ġdid u allura ntrabtu, kemm Zax personalment kif ukoll f'isem u għan-nom ta' *Russian Foods Limited* li dawn l-arretrati jitħallsu jew minn Zax jew mis-soċjetà l-ġdida *Russian Foods Limited*. Dan l-akkordju huwa saħansitra assodat mill-iskambju ta' *emails* li kienu għaddew bejn il-legali tal-partijiet liema *emails* huma elenkati fl-atti tal-kawża.«

11. It-talbiet miġjuba mis-soċjetà attriċi f'din il-kawża huma msejsa fuq il-ftehim milħuq bil-kitba privata ffirmata f'April 2006 bejn *Jimmy Vella Limited* u *Net Shop Limited*. F'dan il-ftehim *Russian Foods Limited* u Katrina Zax ma kinux parti u għalhekk it-talbiet imsejsa fuq dak il-ftehim ma setgħux isiru kontriehom.

12. L-attriċi tgħid illi *Russian Foods Limited* u Zax intrabtu li jagħmlu tajjeb għad-dejn li kellha magħha l-konvenuta l-oħra, *Net Shop Limited*. L-art. 1233(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi garanzija ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku jew b'kitba privata. Ma nġiebet ebda prova li sar ftehim ta' garanzija bil-forma li trid il-liġi. Il-korrispondenza elettronika msemmija fir-rikors ta' appell turi biss li kien hemm proposti ta' ftehim iżda ma humiex fihom infushom prova li tassew sar ftehim.

13. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew li ħelset lil *Russian Foods Limited* u lil Zax mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma saret ebda prova li hemm rabta legali bejn dawn il-konvenuti u l-attriċi.

14. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

15. It-tieni aggravju jolqot iċ-ċaħda tat-talba għall-ħlas tal-arretrati tal-kera.

L-attriċi fissret dan it-tieni aggravju tagħha hekk:

»L-ewwel onorabbli qorti wkoll żbaljat meta ddeċidiet a bażi li "jidher mir-ritratti illi esebew illi fil-fatt il-fond kien mobiljat sew u allura l-oġġetti li ħallew u li huma indikati fl-inventarju li huwa wkoll konfermat bil-firma ta' Jimmy Vella jkopru *ictu oculi* l-ammonti dovuti f'kirjiet" u għal din ir-raġuni ċaħdet l-ewwel talba.

»Din il-konklużjoni hija bir-rispett kollu priva minn raġonevolezza u qatt ma setgħet, fuq bażi ta' *probability* li *in via* ta' eċċezzjoni allura kien l-onoru tal-konvenuta li jipprovawha, li għax f'ritratt jidhru diversi kompjuters, allura wieħed għandu jassumi li dawk il-kompjuters kinux jaħdmu, kinux ta' ċertu valur, kinux imkissrin, kinux *obsolete* u allura ma jiswew xejn u mitt possibilità oħra meta s-soċjetà attriċi ppruvat kemm bix-xiehda ta' Jimmy Vella kif ukoll tal-espert il-Perit Joseph Attard u ta' impjegat tas-soċjetà attriċi Mario Vella illi mhux talli l-kompjuters ma kinux jaħdmu jew jaħdmu ħażin iżda li kienu fil-fatt ma jaħdmux jew kienu *obsolete* tant li ġew mormija. Spejjeż biex intremew kellha tħallas is-soċjetà attriċi aħseb u ara li ssir tpaċija mal-kera arretrat.«

16. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»Ir-ritratti li għalihom issir referenza fit-tieni aggravju tal-appell ġew preżentati biex jikkorroboraw il-verżjoni tal-fatti kif ippreżentati mis-soċjetà appellata *tramite* rappreżentanti tagħha u xhud indipendenti, *ossia* l-verżjoni veritiera.

»B'riferenza għar-rapport tal-Perit Joseph Attard fit-tieni aggravju, jingħad b'kull rispett illi l-Perit Attard huwa, kif jissuġġerixxi t-titlu tiegħu, perit, u fil-fatt fir-rapport tiegħu tal-21 t'Ottubru 2008 jirrelata dwar il-kundizzjoni strutturali tal-fond. L-istess rapport ma għandu xejn x'jaqsam mal-apparat elettroniku kif qed issostni s-soċjetà appellanti fit-tieni aggravju. Fi kwalunkwe każ u kif innotat l-ewwel onorabbli qorti, is-soċjetà appellanti lanqas indenjat ruħha tipproduċi lill-imsemmi perit biex jikkonferma ir-rapport suċitat liema nuqqas irendi r-rapport bla effett għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri;

»Il-valur u l-kundizzjoni tajba tal-apparat *de quo* hija riflessa mill-fatt illi l-istess apparat intuża biex is-soċjetà appellanti *Jimmy Vella Limited* tikri l-fond *de quo* lil terzi segwenti t-terminazzjoni tal-kirja lis-soċjetà appellata *Net Shop Limited*. Huwa proprju għal dan il-għan illi s-soċjetà appellata *Net Shop Limited* għażlet li tippreżenta r-ritratti li għalihom issir referenza fit-tieni aggravju tal-appell. B'kull rispett, ir-raġonevolezza fuq bilanċ ta' probabilitajiet tiddetta illi la darba l-apparat ġie aċċettat u ġie mgħoddi lil terzi bħala parti mill-kirja tal-fond, allura jsegwi illi l-istess apparat kien f'kundizzjoni tajba u mhux *obsolete* kif qed tallega s-soċjetà appellanti mingħajr ma tipproduċi ebda forma ta' prova biex issostni l-allegazzjoni tagħha.

»Il-valur tal-imsemmi apparat ikompli jiġi ampjament ippruvat mill-fatt illi s-soċjetà appellanti talbet il-garanzija tal-paċifiku pussess tal-istess

> apparat kif ġà ingħad. Li kieku verament dan l-apparat ma kien jiswa xejn, x'talbitha tagħmel din il-garanzija s-soċjeta' appellanti?«

17. It-tpaċija hija regolata bl-artt. 1196 sa 1204 tal-Kodiċi Ċivili. L-iktar ta' rilevanza għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum huma l-artt. 1196 u 1197:

> »**1196.** (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejn-iethom tpaċija.
>
> »(2) It-tpaċija ssir *ipso jure*, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.
>
> »**1197.** (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.
>
> »(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.«

18. Fil-każ tallum it-tpaċija ma tistax isseħħ *ipso iure* għax il-valur tal-kreditu pretiż mill-konvenuta – il-valur tal-apparat – ma huwiex likwidu. It-tpaċija għalhekk tista' ssir biss jekk isir ftehim bejn il-partijiet li l-arretrati tal-kera jiġu paċuti mal-valur, hu kemm hu, tal-apparat, iżda ma nġiebet ebda xiehda li sar xi ftehim bħal dan. Tassew illi r-rappre-żentant tal-attriċi iffirma riċevuta biex juri li dak l-apparat tħalla fil-fond tal-attriċi, iżda fuq dik il-kitba jingħad biss illi l-apparat huwa "*being transferred from Net Shop Limited to JimmY Vella Limited*" u ma jingħad xejn dwar il-*causa* ta' dak it-trasferiment, jew illi sar bi tpaċija ma' dak dovut lill-attriċi. Ma jistax għalhekk jingħad illi l-attriċi irri-nunzjat għad-dritt tagħha li titħallas għax ma hemm ebda prova univoka ta' rinunzja ta' drittijiet.

19. Billi għalhekk ma saret ebda tpaċija l-arretrati ta' kera għadhom dovuti, bla ħsara għal kull jedd li jista' jkollha l-konvenuta dwar l-apparat.

20. Barra minn hekk, il-fatt li *Net Shop Limited* ressqet l-eċċezzjoni tat-tpaċija juri li hi taqbel li hija debitriċi tal-attriċi.[1] Lanqas ma saret kontestazzjoni tal-*quantum* ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u sebgħin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€7,873.37) mitlub mill-attriċi bħala arretrati ta' kera.

21. Ukoll, kemm għax id-dejn ġej minn negozju ta' natura kummerċjali, kif ukoll għax il-ftehim ta' kiri jgħid espressament illi f'każ ta' dewmien fil-ħlas "*the lessor shall have the right to interest of eight per centum (8% p.a.) on any outstanding rent due, which interest is to be calculated as commencing to run from the day that such rent would have otherwise been due*", l-imgħaxijiet fuq l-arretrati għandhom jibdew minn dakinhar meta kellhom jitħallsu sa meta jsir il-ħlas.

22. Dan l-aggravju għalhekk sejjer jintlaqa'.

23. Ngħaddu issa għat-tielet u l-aħħar aggravju, li jolqot iċ-ċaħda tat-talba tal-attriċi għall-ħlas ta' danni minħabba ħsara li tgħid illi l-konvenuta għamlet fil-fond mikri. Fissret dan l-aggravju hekk:

> »L-istess jingħad għaċ-ċaħda tat-talba attriċi in kwantu għall-ħsara kkaġunata fil-fond mikri, proprjetà tas-soċjeta' attriċi, meta l-ewwel onorabbli qorti ddikjarat illi d-danni ma ġewx ippruvati għax "ma nġiebet ebda prova konvinċenti." Interessanti kif meta l-ewwel qorti waslet għad-deċiżjoni li ħsara ma kienx hemm jew ma ġietx miġjuba prova konvinċenti tal-ħsara, li m'għamlitx l-istess apprezzament tar-ritratti li fihom tidher il-ħsarat ikkaġunati bħal meta għamlet apprezza-ment tal-istess faxxiklu ta' ritratti esebiti biex ikkonkludiet illi għax kienu jidhru ħafna kompjuters, allura dawn bilfors kellhom valur ekwivalenti għall-kera li baqgħet ma tħallsitx. Ir-ritratti ma jistgħux jiġu ttrattati bħala prova in kwantu biss għal waħda mit-talbiet attriċi u skartata b'mod assolut meta *si tratta* ta' talba oħra fl-istess rikors ġuramentat.«

---

[1] Ara Marianna Spiteri *et v.* Joseph Vella, P.A. 3 ta' Mejju 1993.

24. Is-soċjetà attriċi ippreżentatt rapport imħejji mill-Perit Joseph Attard li jikkonferma li dawn il-ħsarat fil-fatt jeżistu fil-fond.[2] Madankollu, għal-kemm dan ir-rapport kien jitqies bħala prova tajba għall-għanijiet tal-art. 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kieku kien maħluf mill-perit li ħejjieh, billi l-perit ma tressaqx biex jixhed u biex jikkonfermah, ir-rapport ma jistax jitqies bħala prova. Tassew li r-ritratti jistgħu jitqiesu bħala prova iżda ma humiex l-aħjar prova li l-attriċi setgħet ressqet, kif irid l-art. 559 fuq imsemmi.

25. Dan l-aggravju għalhekk ma jistax jintlaqa'.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-ewwel u t-tielet aggravji tas-soċjetà attriċi appellanti u tilqa' t-tieni aggravju; għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi:

    i. tħassarha fejn ċaħdet it-talba biex is-soċjetà konvenuta *Net Shop Limited* tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u sebgħin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€7,873.37) bħala arretrati ta' kera tal-fond kummerċjali mikri lilha mill-attriċi, u, minflok, tilqa' dik it-talba u tikkundanna lil *Net Shop Limited* tħallas dawn l-arretrati bl-imgħaxijiet legali minn dakinhar meta kellu jsir il-ħlas sa meta effettivament isir;

    ii. tordna li l-ispejjeż tal-konvenuti *Russian Foods Limited* u Katrina Zax, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom is-soċjetà attriċi; l-ispejjeż l-oħrajn kollha tal-ewwel grad u tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) tħallsu s-soċjetà attriċi u

[2] Ara fols 9, 10 tal-proċess.

żewġ ishma minn tlieta (⅔) tħallashom il-konvenuta *Net Shop Limited*;

iii. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df